**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Mariya Ognyanova Petrova**

**Kumpilazzjoni numru 406 / 2016**

**Illum 14 ta' Dicembru, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Mariya Ognyanova Petrova** detentrici ta' numru personali (PIN) Bulgaru nru. 6601204676 billi hija akkuzata talli nhar is-26 ta' Marzu, 2015, ghall-habta tas-7p.m, gewwa l-konfini tal-Malta International Airport (MIA) fil-limiti tal-Gudja, flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa:

1. ikkommettiet serq ta' portmoni, kontenenti flus kontanti, minn fuq il-persuna ta' Keta Netsova, ta' 79 sena, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u seba' w tletin centezmu (€2329.37), ghad-detriment ta' l-istess Keta

Netsova u/jew ta' xi persuna/i u jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. Akkuzata wkoll talli rrendiet ruhha recidiva ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi definittivi moghtija minn Qrati fl-Ewropa.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 20 ta' Settembru, 2016 (esebita a fol. 52 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputata taht dak li hemm mahsub:

a. Fl-artikoli 261(c); 267 u 279(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

**Ikkunsidrat:**

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u semghetha tikkonferma l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha ghat-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghha.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena dwar il-parametru li l-Qorti ghandha timxi maghhom fejn tidhol piena.

**Ikkonsidrat;**

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent*

*generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

**Decide**

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qed tigi akkuzata l-imputata u li gew minnha ammessi, il-fatt li l-imputata irregistrat ammissjoni u ttiehdet inkonsiderazzjoni l-fedina penali taghha.

Ghalhekk, il-Qorti qed issib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront taghha u tikkundannha ghal perijodu ta' hmistax (15) –il xahar prigunerija.

**Dr Joseph Mifsud**

**Magistrat**